MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 53/2003

**Customs and Freight Agency Limited**

**VS**

**H. P. Cole Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Billi s-socjeta’ konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta’ attrici Customs and Freight Agency Limited fis-somma ta’ tmint elef seba’ mija u tnejn u sittin Liri Maltin, sitta u hamsin centezmi (Lm8,762.56) rapprezentanti l-bilanc ta’ somma akbar dovuta in rigward ta’ servizzi varji moghtija lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici, fuq rikjesta ta’ l-istess socjeta’ konvenuta a beneficcju taghha.

Billi nonostante interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont is-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsitx il-bilanc intier dovut.

Billi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap12) stante illi l-kreditu tas-socjeta’ attrici huwa cert, likwidu u skadut u s-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-hlas tas-somma dovuta.

Tghid, ghalhekk is-socjeta’ konvenuta l-ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b’dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap.12) -

1. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ tmint elef seba’ mija u tnejn u sittin Liri Maltin, sitta u hamsin centezmi (Lm8,762.56) rapprezentati l-bilanc ta’ somma akbar dovuta in rigward ta’ servizzi varji moghtija lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici, fuq rikjesta ta’ l-istess socjeta’ konvenuta a beneficcju taghha.

Bl-ispejjes, inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tas-16 ta’ Awissu 2002 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru 33/03 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ahhar hlas akkont sad-data u pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta illi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol.3 tal-process:

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol.12 tal-process fejn eccepiet :-

Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-artikolu 544 (a) tal-Kodici tal-Kummerc u l-artikolu 2147 (d) tal-Kodici Civili.

Illi l-istess talbiet huma f’kull kaz infondati fil-fatt u fil-ligi u l-ammont reklamat m’huwiex dovut.

Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta’ attrici ghandha tipprova dettaljatament il-pretenzjonijiet taghha.

Illi bla pregudizzju wkoll, s-socjeta’ attrici qed tippretendi hlas b’rati ghola minn dawk mifthema.

Illi inoltre bla pregudizzju, s-socjeta’ attrici hija debitrici tas-socjeta’ konvenuta ghal hlas ta’ danni ghat-telf ta’ bejgh u produzzjoni li kkagonatilha minhabba ritard fil-konsenja ta’ xoghol da parti tas-socjeta’ attrici u minhabba hsara f’merkanzija li spiccat inutizzabbli; ghalhekk kwalunkwe ammont li jista talvolta jkun dovut mis-socjeta’ konvenuta ghandu jkun pacut ma’ l-ammont dovut mis-socjeta’ attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-talba tas-socjeta’ attrici tirrapprezenta hlas ta’ bilanc minn somma akbar dovuta ghal servizzi varji rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta fuq talba taghha.

**Preskrizzjoni - Artikolu 544(a) tal-Kap. 13**

Is-socjeta’ konvenuta permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni taghha qed teccepixxi il-preskrizzjoni a termini ta’ l-artikolu 544(a) tal-Kap. 13 u l-artikolu 2147 (d) tal-Kap. 16.

L-Artikolu 544(a) tal-Kap. 13 jistabilixxi li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' nol huma preskritti bi zmien sena mid-data tal-kompletazzjoni tal-vjagg.

Il-partijiet f'din il-kawza jaqblu li kien hemm relazzjonijiet kummercjali bejniethom ghal diversi snin sakemm is-socjeta' konvenuta ma baqghetx tutilizza s-servizzi motghtija mis-socjeta' attrici.

Mix-xhieda ta' Kevin Attard, il-Manging Director tas-socjeta' attrici (ara affidavit a fol. 20 et seq. tal-process), jirrizulta li l-ammont mitlub fil-kawza odjerna jirrigwarda prezz ta' servizzi konsistenti fi *freight charges* sabiex il-merkanzija tas-socjeta' konvenuta tingieb minn barra minn Malta ghal Malta, kif ukoll spejjes ta' agenti barranin li ghenu ghat-trasport*, collection charges*, spejjes konnessi mal-*clearance* tal-merkanzija malli din waslet Malta, liema spejjes jinkludu spejjes relatati mal-Malta Maritime Authority, Cargo Handling Company Limited, spejjes relatati mal-*bonded stores*, spejjes tal-fizjali prezenti ghar-rilaxx, spejjes konnessi mal-hatt tal-merkanzija gewwa l-Bonded Stores, spejjes tal-Bond Operator u ghall-uzu tal-Bond Area.

L-ispejjes imsemmija gew inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma merkanzija appartenenti lis-socjeta' konvenuta u dawn l-ispejjes gew kalkolati pro rata skond kull *container* u abbazi tal-kubagg li jkun gie mehud ghall-kull konsenja ta' merkanzija.

Jidher ghalhekk li l-azzjoni attrici tirrigwarda mhux biss il-hlas ta' nol,  izda tirrigwarda wkoll il-prezz ta' varji servizzi ohra rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici fil-fatt agixxiet kemm bhala *forwarding agent* kif ukoll bhala *clearing agent*.

Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-preskrizzjoni invokata mis-socjeta' konvenuta m'hijex appliabbli ghall-azzjoni odjerna stante li l-Artikolu 544(a) isemmi biss il-prezz ta' nol u xejn aktar, u cioe' ma jinkludiex il-varji servizzji ohra rezi mis-socjeta' attrici lis-socjea' konvenuta, liema prezz jifforma l-mertu ta' din il-kawza.

**Preskrizzjoni Artikolu 2147(d) Kap 16**

L-istess jinghad ghall-artikolu 2147 (d) tal-Kap.16 citat mis-socjeta' konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha. Dan l-artikolu jistabbilixxi l-preskrizzjoni ta' sena ghal azzjonijiet ta' garr b'vetturali bl-art jew bil-bahar, imsemmija fl-artikoli 1628 u 1631, ghall-hlas tal-kirjiet jew tal-pagi taghhom. L-Artikoli 1628 u 1631 jirigwardaw biss garr li jsir gewwa l-limiti tal-gzejjer ta' Malta.

Minn ezami tal-fatturi esebiti a fol. 23 et seq. tal-process jirrizulta kjarament li l-garr ta' merkanzija li tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas jirrigwarda garr bejn pajjzi barranin u Malta. Dan ifisser li l-Artikolu 2147(d) ma japplikax ghall-azzjoni odjerna.

Ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta qed tigi michuda.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' ATTRICI FIL-MERTU**

Is-socjeta' konvenuta m'hijiex qed tichad li gew rezi lilha s-servizzi msemmija mis-socjeta' attrici fit-talba taghha izda hija tikkontendi li s-socjeta' attrici qed tippretendi hlas b'rata oghla minn dawk miftehma u inoltre ssostni li s-socjeta' attrici hija debitrici tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' danni konsistenti f'telf ta' bejgh u produzzjoni kagunati lilha minhabba dewmien fil-konsenja tax-xoghol da parti tas-socjeta' attrici u minhabba hsara f'merkanzija li spiccat inutilizzabbli.

Is-socjeta' konvenuta ssostni li kwalunkwe ammont li jista' talvolta jkun dovut minnha ghandu jigi pacut in linea ta' danni mal-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

In kwantu jirrigwarda din it-tieni linja ta' difiza jrid jinghad li s-socjeta' konvenuta ghalkemm qed tallega li s-socjeta' attrici hija debitrici fil-konfront taghha naqset milli taghmel talba rikonvenzjonali fir-rigward. Huwa minnu li fl-affidavit ta' Kenneth Cole, ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta,

issir refernza ghal xi proceduri gudizzjarji intavolati mis-socjeta’ konvenuta fil-konfront tas-socjeta’ attrici rigwardanti l-allegati danni kawzati lilha izda s-socjeta’ konvenuta naqset milli taghmel referenza specifka ghal dawn il-proceduri gudizzjarji fis-sens li hija ma ndikatx l-isem tal-kawza jew xi dettalji ohra rigwardanti l-istess.

Inoltre s-socjeta’ konvenuta naqset milli tressaq provi sodisfacenti u sal-grad rikjest mill-ligi in kwantu jirrigwarda l-allegati danni kawzati lilha mis-socjeta’ attrici minhabba konsenji li saru tardivament u/jew merkanzija inutilizzabbli. Min jallega irid jipprova u fil-kaz odjern is-socjeta’ konvenuta naqset manifestament milli bi kawlunkewe mod tipprova li gew kawzati lilha danni mis-socjeta’attrici.

L-istess jinghad ghal dak sostnut mis-socjeta’ konvenuta fir-raba’ eccezzjoni taghha b’riferenza ghar-rati ghola minn dak miftiehem bejn il-partjiet. Ma ngabet ebda prova mis-socjeta’ konvenuta li r-rati ndikati fil-fatturi mahruga mis-socjeta’ attrici kienu oghla minn dak miftiehem precedentement mill-partijiet.

Is-socjeta’ attrici min-naha l-ohra rnexxielha tipprova li hija rrendiet varji servizzi lis-socjeta’ konvenuta fuq inkarigu ta’ din ta’ l-ahhar u li hija ma thallsitx ghal tali servizzi.

Is-socjeta’ konvenuta tirritjeni wkoll li l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici m’huwiex dovut stante li l-fatturi mahruga mis-socjeta’ attrici m’humiex mahruga skond il-ligi. Kenneth Cole izda ammetta li s-socjeta’ konvenuta kienet effetwat diversi pagamenti in kwantu jirrigwarda dawn il-fatturi allegatament mhux mahruga skond il-ligi minghajr ma ssollevat din il-kwistjoni.

Il-Qorti jidrilha li din hija biss skuza da parti tas-socjeta’ konvenuta sabiex ma thallasx dak minnha dovut. Jekk verament l-istess socjeta’ konvenuta dehrilha li l-fatturi mahruga mis-socjeta’ attrici ma kienux skond il-ligi hija setghat tiehu proceduri biex tatakka tali fatturi, haga li rriizulta li hija qatt ma ghamlet.

It-talbiet attrici ghalhekk jirrizultaw fondati u ppruvati skond ma jirrizulta mid-dokumenti ezibiti a fol 6 sa 7 u kif spjegati fl-affidavit ta' Kevin Attard a fol 20 et seq.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
l-Qorti tiddeciedi
billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta,
u tilqa' t-talbiet attrici
u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmint elef seba' mija tnejn u sittin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm8,762.56) bl-imghax kif mitlub.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------